

# Fotografi Bikrija fl-Isla

minn Dr. Giovanni Bonello

Is-sengħa tal-fotografija bdiet fi Franza u l-Ingilterra kważi fl-istess żmien, fl-1839-40. Din l-iskoperta xegħlet id-dinja, u f'Malta xi fotografi Franċiżi u Ingliżi bdew jieħdu r-ritratti qisu mill-bidu nett. L-ewwel Malti li tgħallem l-arti l-ġdida naħsbu li kien Leandro Preziosi li fetaħ l-istudju tiegħu l-Furjana, mhux aktar tard mis-sena 1849. Huwa jiġi ħu l-pittur Orjentalista ċelebri Amedeo Preziosi.

Wara Preziosi, in-numru ta' fotografi beda jiżdied sew. L-ewwel ġewwa l-Belt, u ftit wara fl-ibliet ta' madwar il-port. Ix-xogħol tal-fotografi professjonisti stajt taqsmu fi tnejn: dawk li kienu jieħdu veduti u ġrajjiet, u dawk li kienu jieħdu ritratti (portraits) tan-nies, għalkemm numru ġmielu ta' fotografi kienu jmiddu jdejhom għat-tnejn. Il-biċċa l-kbira tal-klijenti tagħhom aktarx kienu l-membri tal-forzi armati Ingliżi – baħrin, suldati, fizzjali u l-familji tagħhom, u dan jispjega għaliex tant u tant fotografi kellhom l-istudju tagħhom fi Strada Stretta, il-Belt, fejn it-triq kollha kienet qisha club wieħed tas-servizzi Ingliżi.

Il-fizzjali, il-baħrin u s-suldati kienu wkoll jiffrekwentaw it-Tlett Ibliet, u għalhekk numru mdaqqas ta' fotografi tal-bidu fetħu n-negozju tagħhom f'Vittoriosa, Senglea u Cospicua. Jien ser nillimita dan l-istudju qasir għall-ewwel fotografi li kienu jaħdmu l-Isla.

Diffiċli tgħid minn kien l-ewwel wieħed nett li fetaħ studju fotografiku f'Senglea, imma aktarx li kien Ingliż, James Conroy, f'April 1861. Dan, fil-bidu kien juża s-sistema Franċiża, magħrufa






Quddiem u wara ta' CDV ta' James Conroy meta kellu l-istudju tiegħu fl-Isla. (Kollezzjoni tal-awtur)






**Aktarx l-ewwel fotografu professjonali mara f'Malta. Quddiem u wara ta' CDV ta' Mrs S.A. Harrison li fetħet l-istudju tagħha fl-Isla. (Kollezzjoni tal-awtur)**

bħala Daguerrotype, mingħajr negattiva, li kienet tagħti riżultat ta' kwalità għolja, imma kellha l-iżvantaġġ li bih kont toħroġ ritratt wieħed biss. 'Il quddiem dan qaleb għas-sistema Ingliża, magħrufa bħala l-Calotype, ibbażata fuq negattiva, li minnha stajt toħroġ kemm-il kopja trid.

L-ewwel studju ta' Conroy kien żgur l-Isla, fl-indirizz Numru 2, Strada Concezione. Miegħu l-Isla Conroy kellu bħala ħabib u lavrant lil Richard Ellis li aktar tard spiċċa l-fotografu ewlieni ta' Malta. Biż-żmien, kemm Conroy u kemm Ellis, li wara rama għal rasu, marru jaħdmu l-Belt, fi Strada Stretta. S'issa ma sibna ebda Daguerrotipi ta' Conroy u ta' Ellis maħdumin l-Isla, imma nafu b'xi Ambrotipi rari ferm miġbudin l-Isla, li huma bħad-Daguerrotipi, kopja waħda biss, imma stampata fuq il-ħġieġ.

Jista' jkun li l-ewwel fotografu mara li ħadmet Malta kienet fl-Isla. Sa ftit ilu, l-istoriċi tal-fotografija kienu jaħsbu li l-ewwel fotografu professjonali mara kienet Mrs Conroy li kellha studju Nru 56, Strada Stretta, il-Belt Valletta, mill-1879 'il quddiem. Din Mrs Conroy tal-Belt aktarx li hi Adelaide Aneschi li fl-1872, iżżewġet lill James Conroy, ġa msemmi, wara li romol mill-ewwel mara tiegħu.

Imma, forsi żmien qabel Mrs Conroy, bħala fotografu mara, insibu lil Mrs S.A. Harrison, li kellha l-istudju tagħha Nru 74, Strada della Marina, Isola. Ħlief għax-xogħol tagħha, ftit li xejn nafu fuq din Mrs Harrison tal-Isla. Jien naħseb li aktarx din l-ewwel fotografu mara f'Malta kienet Sarah Ann Harrison, mwielda Roberts, min St Charles, Plymouth, bint Abraham u Sarah Roberts, li saret mart George Harrison fid 9 ta' Awwissu 1864 u ġiet toqgħod Malta. Wieħed mir-ritratti tagħha ta' raġel b'uniformi militari għandu isem miktub bil-lapes fuq wara u l-kitba "Malta, 1866".

Dak iż-żmien ir-ritratti tan-nies (*portraits*) kienu jiġu stampati fuq karta rqiqa ferm, li mbagħad

kienet titwaħħal bil-kolla fuq kartuna tassew iebsa. Dawn il-kartun kellhom id-dahar stampat u ddekorat bil-kitba u bid-disinji, u l-kitba spiss kienet isservi ta' reklam u tagħti xi tagħrif fuq il-fotografu u l-istudju tiegħu. Dawn il-kartuniet ma kinux isiru Malta. Kienu jiġu ordnati u stampati Berlin, Vjenna jew Milan. Hemm żewġ daqsijiet komuni fl-Ewropa: il-Carte de visite, jew CDV (6.5ċm x 10ċm) u l-Cabinet (11ċm x 16.5ċm). Daqsijiet oħra ssib ukoll, imma qishom qatt ma saru popolari bħal dawn it-tnejn.

Il-fotografu li tassew jidentifika mal-Isla kien Anthony Serracino li għadda ħajtu bħala fotografu professjonali u kellu, sa fejn naf jien, studio wieħed biss, Numru 20A, Strada San Michele, Senglea. Mill-bijografija tal-Prof. Fr Peter Serracino Inglott insiru nafu li nannuh Anthony kien twieled l-Eġittu, u speċjalizza fir-ritratti tan-nies. F'Malta żżewweġ ma' Pia Inglott, u fetaħ ħanut tal-fotografija. Maż-żmien għama, jingħad minħabba l-flashes qawwija tad-dawl li kellu jużа l-ħin kollu biex jiġbed ir-ritratti fil-magħluq, u minħabba ż-żmien twil li kien iqatta' fid-dlam jiżviluppa n-negattivi u r-ritratti. Imma jista' jkun li għama għal raġunijiet oħra, għax ibnu Erin ukoll spiċċa tilef id-dawl. Erin Serracino Inglott, il-kampjun Malti taċ-chess u lessikografu ewlieni tal-lingwa Maltija, u Oscar, missier Fr Peter Serracino Inglott, kienu wlied il-fotografu.

Ix-xogħol li Anthony Serracino kien imexxi mill-*Fine Art Studio* kien ta' kwalità għolja. Serracino kien jiddeskrivi ruħu bħala *artist and photographer*. Tiegħu jien l-aktar li rajt *portraits* tan-nies, u dawn huma meħuda b'sengħa artistika ġmielha u b'maestrija teknika aqwa min-normal. Margaret Harker, l-istorika ewlenija tal-fotografija Maltija, tgħid li huwa kien attiv bejn l-1900 u l-1939, imma jien naħseb li l-ewwel data trid tmur lura. Infatti, id-dahar tar-ritratti







Quddiem u wara ta' CDV ta' Anthony Serracino, fotografu ewlieni tal-Isla. (Kollezzjoni tal-awtur)




**Ritratt Cabinet ta' Anthony Serracino, c. 1900. (Hajr lil Ms Isabelle Camilleri)**




**Id-dahar ta' ritratt Cabinet ta' Anthony Serracino, Senglea. (Kollezzjoni tal-awtur)**

tiegħu juru żewġ midalji li kien rebaħ fil-wirjiet tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, u fil-Espożizzjoni Industrijali ta' Malta tal-1897.

Serracino ma kienx jagħmel wisq reklami fil-gazzetti, imma fil-Guida Generale tal-1905 huwa avża lill-pubbliku bl-Ingliż, li "Photographs taken daily. Outdoor photography, groups, views, tombs, horses, residences, ships. Enlargements of any style with bromide, platinum, carbon, watercolours and oils". Dak iż-żmien, meta l-fotografija bil-kulur kienet teżisti imma għadha ma kinetx prattika, irħisa u faċli, xi fotografi kienu joffru li jagħtu l-kulur bl-akkwarella jew biż-żebgħa taż-żejt fuq ir-ritratt sepja jew abjad u iswed.

S'issa sibt tliet kartuniet (*backing boards*) differenti ta' Anthony Serracino: tnejn daqs Cabinet, waħda tad-ditta Perelli ta' Milan u l-oħra ta' Bernh(ard) Wachtl ta' Vienna. Jista' jkun hemm oħrajn li ma nafx bihom jien. Dik tad-daqs Carte de visite ma tgħidx fejn hi maħduma, imma li kelli ngħid mill-istil tagħha, hija minn Milan ukoll. Ilkoll huma stampati bil-litografija b'kulur kannella-sepja, aktarx biex jaqbel mal-kannella-sepja tal-*portrait* innifsu fuq in-naħa ta' quddiem.

Hemm fotografu ieħor mill-Isla, imma fuqu s'issa ma nafu kważi xejn. Ċertu P. Ciantar jidher li kien fetaħ studju fotografiku fin-Numru 87, Strada San Giuseppe, Senglea, u dan huwa msemmi fl-Almanakk tal-1887, imma sal-lum minn xogħlu għad ma nstab xejn. Nittamaw li jitfaċċa aktar 'il quddiem.

L-istess nistgħu ngħidu għall-fotografu li kien jaħdem l-Isla mill-ħanut jismu Central Photo Studio fis-snin 1920 – 30. Issib ix-xogħol tiegħu fil-kupuni tas-sigaretti ta' dawk is-snin, imma barra mill-isem tal-istudju tiegħu, fuqu għadna ma nafu xejn.

L-aħħar fotografu bikri li stabbilixxa ruħu l-Isla huwa aktar misterjuż, ċertu Umberto Adinolfi. Jien kburi li rnexxieli niġbor xi ftit informazzjoni fuqu. Ix-xogħol tiegħu huwa magħruf sew u spiss tiltaqa' miegħu, imma fuq min kien il-fotografu s'issa ftit li xejn konna nafu. Adinolfi l-aktar li kien jaħdem kienu kartolini fotografiċi *souvenir* għall-flotta Ingliża. Għal kull bastiment tal-gwerra stazzjonat Malta, huwa kien ilesti kartolina bil-mappa tal-Mediterran fejn il-vapur kellu jieqaf fil-*winter cruise*, fl-*autumn cruise* jew fis-*summer cruise*. Dawn il-kartolini, kollha tat-tletinijiet, juru ritratt tal-bastiment u l-itinerarju tiegħu. Adinolfi ħareġ tużżani minn dawn il-kartolini navali differenti, kollha ta' kwalità tajba ferm. Huwa ppubblika wkoll xi kartolini fotografiċi ta' xeni navali, u ta' lokalitajiet Griegi, iżda dawn huma ftit.

Fl-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat instab fajl iddedikat lil Adinolfi meta dan fl-1934 talab u kiseb iċ-ċittadinanza tar-Renju Unit, bil-proċess ta' naturalizzazzjoni. Minn dawn id-dokumenti nafu li hu kien twieled f'Salerno, l-Italja, fis-7 ta' Novembru tal-1870, iben Luigi Adinolfi u Eufemia Florio li meta saret it-talba kienu mejtin. Wasal Malta f'Ottubru tal-1891 u mar joqgħod l-Isla fejn baqa' sa meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra. Huwa telaq għal Salerno imma tliet xhur wara reġa' ġie lura Malta. Huwa kien għażeb u kien jirċievi pensjoni navali mis-servizzi Ingliżi. Adinolfi kien imexxi n-negozju fotografiku u l-pubblikazzjoni tal-kartolini mir-residenza tiegħu, Numru 16, Strada San Francesco, Senglea. Forsi hija biss koinċidenza, imma kien hemm ukoll Domenico Adinolfi li kien magħruf bħala editur tal-kartolini f'Napli fil-bidu tas-seklu għoxrin. Jista' jkun li kienu jiġu minn xulxin.

Fotografu Malti ieħor anonimu pprova jimita l-kartolini tal-movimenti tal-flotta Ingliża li kien jagħmel Adinolfi, imma x-xogħol tiegħu jingħaraf għax huwa ta' kwalità wisq inferjuri mill-kartolini oriġinali ffirmati minn Adinolfi.

Dawn is-seba' fotografi li kollha kienu jaħdmu Senglea fiż-żminijiet bikrin juru kif Senglea kienet ċentru ħaj ta' ħidma fotografika. Jista' jkun li hemm oħrajn ukoll, għax l-istudju tal-istorja tal-fotografija f'Malta għadu fil-bidu u nisperaw li 'l quddiem jespandi sew.




**Kartolina fotografika ta' Umberto Adinolfi minn Senglea. (Kollezzjoni tal-awtur)**

**Riferenzi:**


Bonello, G., 'More Notes for a History of Photography', f'*The Sunday Times of Malta*, 2 & 9 August 2015.

Harker, M., *Photographers of Malta*, Malta, 2000.

Massa, D., *PSI Kingmaker*, Malta, 2013.